MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 73/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Testa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Testa talli:

(1) f’dawn il-Gzejjer fis-17 ta’ Settembru 2007 u fil-granet precedenti b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, hedded lil Noel Borg b’delitt, liema theddida bil-fomm kienet tinkludi ordni u/jew kundizzjoni;

(2) fl-istess zminijiet bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Roderick Fenech ingurjah bi kliem;

(3) fl-istess zminijiet hebb kontra l-persuni ta’ Roderick Fenech u Gilbert Abela;

(4) fl-istess zminijiet ingurja jew hedded lil Noel Borg, Roderick Fenech u Gilbert Abela;

(5) fl-istess zminijiet qal kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz li ssib lill-imsemmi Mario Testa hati tahseb ghas-sigurta’ ta’ Noel Borg, Roderick Fenech u Gilbert Abela;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat l-azzjoni kriminali preskritta u ma haditx aktar konjizzjoni tal-kaz;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fid-9 ta’ Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni relattivament ghat-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet filwaqt li thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni relattivament ghall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u dan minhabba li tali decizjoni kienet konsegwenza ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta’ l-ipotesi tal-ligi u minflok, tghaddi biex tiddeciedi l-appell skond il-ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali jirrigwarda d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li tiddikjara preskritta l-azzjoni

wkoll fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet. Skond l-Avukat Generali, il-perijodu preskrittiv applikabbli ghar-reati kontemplati f'dawk l-imputazzjonijiet hu ta' sentejn. Ghalhekk galadarba l-appellat (allura imputat) gie notifikat ghas-seduta tas-17 ta' Frar 2009 u l-imputazzjoni tirreferi ghas-17 ta' Settembru 2007, il-perijodu preskrittiv ma kienx iddekorra.

Issa, l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghar-reat kontemplat fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 249 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta bil-piena applikabbli tkun dik ta' prigunerija minn xahar sa sitt xhur biz-zieda tal-multa. Fil-kaz tat-tieni imputazzjoni, ir-reat huwa dak kontemplat fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-piena hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa. Skond il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 688 ta' l-istess Kap. 9, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni **"bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet"**. L-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat jirreferu ghas-17 ta' Settembru 2007 u l-granet precedenti. Mill-atti jirrizulta illi l-appellat deher ghas-seduta tas-17 ta' Frar 2009, f'liema data giet pronunzjata s-sentenza appellata. Dan ifisser illi l-perijodu preskrittiv ta' sentejn kien ghadu ma ddekorriex. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita akkoljiment b'dan illi, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz relattivament ghall-imsemmijin l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni relattivament ghat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet filwaqt li thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni relattivament ghall-ewwel u t-tieni

imputazzjonijiet u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tisma' u tiddeciedi l-kaz fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------